32005D0620

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Awwissu 2005

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Arġentina u r-Russja

(notifikata taħt id-dokument numru C(2005) 3147)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/620/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) u (4) tagħha,

Billi:

(1) Parti 1 ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi u li tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom [2] tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u partijiet ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom.

(2) It-territorju ta' AR-4 fl-Arġentina huwa ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer mingħajr tilqim. Dan huwa rifless b'mod korrett taħt il-kundizzjonijiet speċifiċi elenkati f'Parti I ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE li taħtha l-użu taċ-ċertifikati veterinarji huwa awtorizzat għal dak it-territorju. Madankollu, il-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet tagħhom, f'Parti 1 ta' l-Anness II għal dik id-Deċiżjoni kif jidher fir-ringiela relevanti għat-territorju ta' AR-4 m'hijiex konsistenti ma' dak. Għalhekk RUW u RUF għandhom jiddaħħlu f'dik ir-ringiela għaċ-ċarezza u l-konsistenza.

(3) Id-data ta' l-applikazzjoni rilevanti għar-restrizzjonijiet ġeografiċi u ta' żmien fir-rigward tat-territorju ta' AR-8 ġiet iddikjarata ħażin u tista' twassal għall-konfużjoni. Għal finijiet ta' ċarezza, id-data ta' applikazzjoni fit-tabella ta' kundizzjonijiet speċifiċi għall-perjodu mhux awtorizzat għanda tiġi rranġata għas-17 ta' Marzu 2005.

(4) Ir-reġjun ta' Murmansk fir-Russja huwa awtorizzat li jimporta fil-Komunità laħam ta' annimali mhux domestiċi u mrobbija għal għanijiet agrikoli minbarra s-suidae u s-solipedi. Ir-Russja talbet lill-Kummissjoni sabiex tinkludi ż-żona awtonoma Yamalo-Nenets fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom li minnhom il-laħam frisk ta' renni mrobbija jista' jiġi impurtat lejn il-Komunità.

(5) Wara dik it-talba, twettqet missjoni fiż-żona awtonoma Yamalo-Nenets mill-Uffiċċju għall-Ikel u l-Veterinarjat (FVO) mit-22 sas-26 ta' Novembru 2004. Il-konklużjoni ta' dik il-missjoni hija li s-sitwazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali f'dik iż-żona hija sodisfaċenti u li l-awtorità veterinarja kompetenti tipprovdi garanziji xierqa fir-rigward ta' l-aderenza mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, partikolarment il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8, paragrafu 1 tad-Direttiva 2002/99/KE. Minn barra dan, ir-Russja pprovdiet pjan ta' azzjoni li jindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha tar-rapport ta' missjoni b'mod sodisfaċenti.

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

[2] ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/234/KE (ĠU L 72, 18.3.2005, p. 35).

(6) Huwa għalhekk xieraq li ż-żona awtonoma Yamali-Nenets tiġi elenkata bħala awtorizzata li timporta fil-Komunità l-laħam frisk ta' annimali mrobbija mhux domestiċi minbarra s-suidae u s-solipedi.

(7) Parti 1 ta' l-Anness II għad-Direttiva 79/542/KEE għandha tiġi emendata kif jixraq.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Parti 1 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE tinbidel bit-test fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minnufih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' Awwissu 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

(Laħam Frisk)

1 PARTI

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom (*)

Pajjiż	Kodiċi tat-territorju:	Deskrizzjoni tat-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
AL – Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	—		
AR – Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	AR-1	Il-Provinċji ta' Buenos Aires, Catamarca, Corrientes, Entre Ríos, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, San Juan, San Luis, Santa Fe, u Tucuman.	BOV	A	1 u 2
	AR-2	La Pampa u Santiago del Estero	BOV	A	1 u 2
	AR-3	Cordoba	BOV	A	1 u 2
	AR-4	Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego	BOV, OVI, RUW, RUF		
	AR-5	Formosa (it-territorju ta' Ramon Lista biss) u Salta (id-dipartiment ta' Rivadavia biss)	BOV	A	1 u 2
	AR-6	Salta (id-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Oran, Iruya, u Santa Victoria biss)	BOV	A	1 u 2
	AR-7	Chaco, Formosa (minbarra t-territorju ta' Ramon Lista), Salta (minbarra d-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Rivadavia, Oran, Iruya, u Santa Victoria), Jujuy	BOV	A	1 u 2
	AR-8	Chaco, Formosa, Salta, Jujuy, bl-eċċezzjoni taż-żona baffer ta' 25 Km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragway li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fIl-Provinċja ta' Jujuy, sad-distrett Laishi fIl-Provinċja ta' Formosa	BOV	A	1 u 2
	AR-9	Iż-żona baffer ta' 25 Km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragway li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fIl-Provinċja ta' Jujuy, sad-distrett Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	—		
AU – L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
BA – Il-Bosnija Ħerżegovina	BA-0	Il-pajjiż kollu	—		
BG –Il- Bulgarija	BG-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	BG-1	Il-Provinċji ta' Varna, Dobrich, SIlistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V. Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta Sofia, Il-belt ta' Sofia, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana u Vidin	BOV, OVI, RUW, RUF		
	BG-2	II-Provinċji ta' Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo, Kardjaliand u l-kuritur wiesa' 20 km mal-fruntiera mat-Turkija	—		

1	2	3	4	5	6
BH – Il-Bahrain	BH-0	Il-pajjiż kollu	—		
BR – Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	BR-1	L-Istati ta' Paraná, Minas Gerais (minbarra d-delegazzjonijiet reġjonali ta' Oliveira, Passos, São Gonçalo de Sapucai, Setelagoas u Bambuí), São Paulo, Espíritu Santo, Mato Grosso do Sul (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Sete Quedas, Sonora, Aquidauana, Bodoqueno, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Mirua, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde ta' Mato Grosso u Corumbá), Santa Catarina, Goias u l-unitajiet reġjonali ta' Cuiaba (minbarra l-muniċipalitajiet ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone u Barão de Melgaço), Caceres (minbarra l-muniċipalità ta' Caceres), Lucas do Rio Verde, Rondonopolis (minbarra l-muniċipalita ta' Itiquiora), Barra do Garça u Barra do Burges f' Mato Grosso.	BOV	A	1 u 2
	BR-2	L-Istat ta' Rio Grue do Sul	BOV	A	1 u 2
	BR-3	L-Istat ta' Mato Grosso do Sul, muniċipalita ta' Sete Quedas	BOV	A	1 u 2
BW – Il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	BW-1	Iż-żoni ta' kontroll veterinarju 5, 6, 7, 8, 9 u 18	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1 u 2
	BW-2	Iż-żoni ta' kontroll veterinarju 10, 11, 12, 13 u 14	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1 u 2
BY – Il-Belarus	BY-0	Il-pajjiż kollu	—		
BZ – Il-Belize	BZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW RUF, RUW,	G	
CH – L-Iżvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
CL – Iċ-Ċile	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF		
CN – Iċ-Ċina (Ir-Repubblika tal-Poplu)	CN-0	Il-pajjiż kollu	—		
CO – Il-Kolombja	CO-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	CO-1	Iż-żona inkluża fIl-linji tal-fruntiera mill-punt fejn ix-xmara Murri tnixxi għal ġewwa x-xmara Atrato, lejn in-naħa t'isfel tax-xmara Atrato sa fejn tnixxi għal ġewwa l-Oċean Atlantiku minn dan Il-punt tal-fruntiera tal-Panama ssegwi l-kosta ta' l-Atlantiku sa Cabo Tiburón; minn dan il-punt sa l-Oċean Paċifiku ssegwi l-fruntiera Columbia-Panama\; minn dan il-punt sal-bokka tax-Xmara Valle mal-kosta tal-paċifiku u minn dan il-punt ma' linja dritta sal-punt fejn ix-Xmara Murri tnixxi għal ġewwa x-Xmara Atrato.	BOV	A	2
	CO-3	Iż-żona inkluża fil-linji tal-fruntiera mIll-bokka tax-Xmara Sinu fuq l-Oċean Atlantiku, lejn in-naħa ta' fuq tax-Xmara Sun sa l-għejun tagħha ta' Alto ParamIllo, minn dan il-punt sa Puerto Rey fuq l-Oċean Atlantiku, issegwi l-linji tal-fruntiera bejn id-Dipartiment ta' Antiquia u Córdoba, u minn dan l-punt sal-bokka tax-Xmara Sinu mal-kosta ta' l-Atlantiku.	BOV	A	2

1	2	3	4	5	6
CR – Costa Rica	CR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
CS – Serbia u Montenegro (**)	CS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU		
CU – Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
DZ – L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	—		
ET – L-Etjopja	ET-0	Il-pajjiż kollu	—		
FK – Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU		
GL – Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
GT – Il-Gwatemala	GT-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
HK – Ħong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	—		
HN – Il-Ħonduras	HN-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
HR – Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
Il – L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	—		
IN – L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	—		
IS – L-Iżlanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
KE – Il-Kenja	KE-0	Il-pajjiż kollu	—		
MA – Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	—		
MK – L-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (***)	MK-0	Il-pajjiż kollu	OVI, EQU		
MU – Mauritius	MU-0	Il-pajjiż kollu	—		
MX – Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
NA – In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	NA-1	In-nofsinhar ta' l-istekkati (cordon fences) li jestendu minn Palgrave Point fil-punent sa Gam fil-Lvant.	BOV, OVI, RUF, RUW	F	2
NC – New Caledonia	NC-0	Il-pajjiż kollu	BOV, RUF, RUW		
NI – In-Nikaragwa	NI-0	Il-pajjiż kollu	—		
NZ – New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
PA – Panamá	PA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		

1	2	3	4	5	6
PY – Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	PY-1	Iż-żoni ta' Chaco central u San Pedro	BOV	A	1 u 2
RO – Ir-Rumanija	RO-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUW, RUF		
RU – Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	—		
	RU-1	Ir-reġjun ta' Murmansk, iż-żona awtonoma ta' Yamalo-Nenets	RUF		
SV – El Salvador	SV-0	Il-pajjiż kollu	—		
SZ – Is-Sważiland	SZ-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	SZ-1	Żona fil-puntent ta' l-istekkati 'red line' li testendi lejn it-tramuntana mix-xmara Usutu sal-fruntiera ma' l-Afrika t'isfel fil-puntent ta' Nkalashane,	BOV, RUF, RUW	F	2
	SZ-2	Iż-żoni ta' sorveljanza veterinarja tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-kontroll tat-tilqim kif dehru fil-gazzetta bħala Strument Statutorji taħt l-avviż legali 51 ta' l-2001.	BOV, RUF, RUW	F	1 u 2
TH – It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	—		
TN – It-Tuniżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	—		
TR – It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	—		
	TR-1	Il-Provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Izmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale	EQU		
UA – L-Ukrajna	UA-0	Il-pajjiż kollu	—		
US – United States	US-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW, RUF, RUW	G	
UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
			BOV,	A	1 u 2
			OVI	A	1 u 2
ZA – L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	ZA-1	Il-pajjiż kollu minbarra: — il-parti taż-żona tal-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona tal-fruntiera mal-Botswana, fin-naħa tal-lvant tal-lonġitudni 28°, u — id-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZuluNatal	BOV, OVI, RUF, RUW	F	2
ZW – Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	—		

(*) Minħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni previsti bi ftehimiet Komunitarji ma' pajjiżi terzi.

(**) Mhux bl-inklużjoni ta' Kosovo kif definita mir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti nru 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

(***) L-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jaffetwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li għandha tiġi attribwiti wara l-konklużjoni tan-negozjati li bħalissa qed iseħħu fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti.

— = L-ebda ċertifikat stabbilit u importazzjonijiet ta' laħam frisk huma pprojbiti (minbarra għal dawk l-ispeċi fejn indikati fil-linja 'Il-pajjiż kollu')

Kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 6

'1': Restrizzjonijiet Ġeografiċi u ta' żmien:

Kodiċi tat-Territorju	Ċertifikat Veterinarju		Perjodu ta' żmien/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew le fir-rigward tad-dati tal-qtil ta' l-annimali li minnhom inkiseb il-laħam	
	Mudell	SG		
AR-1	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni tal-31ta' Jannar 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-1ta' Frar 2002	Awtorizzat
AR-2	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni tat-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tad-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzat
AR-3	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni tas-26 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tas-27 ta' Marzu 2002	Awtorizzat
AR-4	BOV, OVI, RUW, RUF	—	Qabel u bl-inklużjoni tat-28 ta' Frar 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-1 ta' Marzu 2002	Awtorizzat
AR-5	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sa l-10 ta' Lulju 2003 (inklussivi)	Awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tal-11ta' Lulju 2003	Mhux Awtorizzat
AR-6	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sa l-4 ta' Settembru 2003 (inklussivi)	Awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tal-5 ta' Settembru 2003	Mhux Awtorizzat
AR-7	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sas-7 ta' Ottubru 2003 (inklussivi)	Awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tat-8 ta' Ottubru 2003	Mhux Awtorizzat
AR-8	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni ta' 17 ta' Marzu 2005	ara AR-5, AR-6 u AR-7 għal perjodi meta t-territorji speċifiċi fi ħdan iż-żona msemmija f'AR-8 ma kinux awtorizzati
			Wara u bl-inklużjoni tat-18 ta' Marzu 2005	Awtorizzat
BR-2	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni tat-30 ta' Novembru 2001	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-1 ta' Diċembru 2001	Awtorizzat
BR-3	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni tal-31 ta' Ottubru 2002	Awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-1 ta' Novembru 2002	Mhux awtorizzat
BW-1	BOV, OVI, RUW, RUF	A	Qabel u bl-inklużjoni tas-7 ta' Lulju 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tat-8 ta' Lulju sat-22 ta' Diċembru 2002	Awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tat-23ta' Diċembru 2002 sas-6 ta' Ġunju 2003	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tas-7 ta' Ġunju 2003	Awtorizzat
BW-2	BOV, OVI, RUW, RUF	A	Qabel u bl-inklużjoni tas-6 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni tas-7 ta' Marzu 2002	Awtorizzat

Kodiċi tat-Territorju	Ċertifikat Veterinarju		Perjodu ta' żmien/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew le fir-rigward tad-dati tal-qtil ta' l-annimali li minnhom inkiseb il-laham	
	Mudell	SG		
PY-1	BOV	A	Qabel u bl-inklużjoni tal-31ta' Awwissu 2002	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-1 ta' Settembru 2002 sad-19 ta' Frar 2003	Awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-20 ta' Frar 2003	Mhux awtorizzat
SZ-2	BOV, RUF, RUW	A	Qabel u bl-inklużjoni tat-3 ta' Awwissu 2003	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-4 ta' Awwissu 2003	Awtorizzat
UY-0	BOV, OVI	A	Qabel u bl-inklużjoni tal-31ta' Ottubru 2001	Mhux awtorizzat
			Wara u bl-inklużjoni ta' l-1 ta' Novembru 2001	Awtorizzat

'2': Restrizzjonijiet tal-Kategorija:

L-interjuri mhumiex awtorizzat (ħlief fil-każ ta' l-ispeċi bovini, il-muskoli tad-dijaframma u tax-xedaq)."